

FESTA
MSIDA
1978

# PROGRAMM

For the housewife
who knows
what's best
for her ............. APLAN offer the widest selection ever of

Siemens


TELEVISIONS


WASHING MACHINES


FRIDGE/FREEZERS

HI-FI THREE-IN-ONE MUSIC CENTER, RADIO CASSETTE RECORDERS AND OTHER HOUSEHOLD APPLIANCES
made in West Germany

At APLAN you get a guarantee of quality and value plus the benefit of efficient after-sales service.

MSIDA SEAFRONT
MSIDA. Tel. 38434/36556

TESTAFERRATA STREET
MSIDA. Tel. 38434/36556

ST. PAUL STREET
COSPICUA. Tel. 24535

44 ST. BARTHOLOMEW STREET
QORMI. Tel. 47308



Ghad-dar moderna Ghamara

# INVICTA

- Kmamar tas-sodda illustrati
- Kmamar tal-ikel
- Salotti
- Imwejjed u siggijiet
- Spare bedrooms
- Cupboards tal-kcejjen

Manifatturi wkoll ta'

*SIGGIJIET TAT-TFAL, STEP-STOOLS, BABY COTS, SLIELEM FORCI.*

*IRONING BOARDS, SHOPPING CARRIERS BABY HIGH CHAIRS*

Ufficcju u Workshop:

Misrah il-Barrieri - MSIDA

Showrooms:
MARINA STR., - PIETA - VALLETTA ROAD - MOSTA
THE STRAND - SLIEMA - PAOLA SQUARE - PAOLA

TELEPHONES: 606440 - 606593

INVICTA l-aqwa ghamara Maltija

# MESSAGGI MILL-W. R. KAPPILLAN

Misidjani għeżież,

Hija dehra ta' minn ifaħħarha, li meta jgħaddu l-jiem tal-Għid Imqaddes, tagħtu l-ewwel post fl-attivitajiet u l-preokkupazjoni tagħkom, biex tħejju ruħkom mill-aħjar li tistgħu għall-ġranet tal-Festa tal-mabub tagħna, S. Ġużepp.

Aħna xxurtjati li Patrun tagħna, għandna Persunaġġ li kull min irid — kif tixtieq il-Knisja — jista' jieħdu b'mudell. San Ġużepp kien bniedem għaqli, onest, bieżel, attent qabel ma jieħu deċiżjoni, u prudenti. L-ideal ta' ħajtu kien l-għaqda tiegħu ma' Alla, bl-osservanza tal-Liġi. Bħal kull bniedem ieħor, kellu l-problemi tal-għijxien; diffikultajiet fil-għażla ta' l-istat, tfixkil fil-ħajja ta' kuljum; Kap ta' familja, magħmula minn Marija, Omm il-Feddej, u Ġesu', l-Iben t'Alla u fl-istess ħin, Binha.

Il-Providenza tagħtulna biex nimitawh; insiru verament kif jixtieqna huwa, jekk il-Festa tkun għalina okkażjoni biex naraw x'hemm fina li ma jogħġbux, biex fl-inqas żmien, insiru bħalu. Fejn inħossuna dajfa, nitolbu lilu; meta naqtgħu qalbna, isaħħaħna Huwa; fid-diffikultajiet, nersqu lejh, huwa li kellu l-akbar responsabilita' li qatt kellu raġel miżżewweġ.

Dan li trid il-Knisja, meta tħeġġiġna biex insaħħu u nqaddsu l-Festa tagħna; ħalli meta jasal il-Jum u Ġesu' jsejħilna għandu, il-festa nagħmluha mal-Missier Putativ tiegħu, S. Ġużepp, għal dejjem fis-sema.

## MILL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

MISIDJANI: Il-Mant ċelesti se jerġa' jinfirex fil-Knisja Parrokkjali tagħna, u minn taħtu, S. Ġużepp tagħna jerġa' jitfa' l-ħarsa tiegħu ta' missier fuq uliedu l-Misidjani kollha — "kollha" għax aħna lkoll uliedu u għalhekk nittamaw li "ilkoll" niltaqgħu flimkien, marbutin b'imħabba ta' aħwa madwar missierhom, f'dawn il-jiem ta' festa għalina; u ntuh rigal lil missier tagħna S. Ġużepp billi jarana magħqudin ma' Ibnu li tant iħobb — Ġesu' bi qrara u tqarbina aħjar minn tas-soltu — aħjar għax mimlija b'iktar imħabba.

## IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA

Hija Kummissjoni maħtura b'digriet u statut iffirmat minn Mons. Arċisqof Gonzi fil-31 ta' Jannar 1973 biex tieħu ħsieb l-amministrazzjoni finanzjarja tal-Parroċċa u dak kollu li għandu x'jaqsam magħha. Hija wkoll responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Festa ta' S. Ġużepp. Hija wkoll responsabbli għall-proprjeta' kollha tal-Parroċċa u għal manutenzjoni u żżamma tagħha fl-aħjar kundizzjoni possibbli, l-ewwel u qabel kollox il-Knisja parrokkjali tagħna.

Kull min għandu xi suġġerimenti dwar titjib fil-Knisja jew il-Festa, huwa mitlub li jressaqhom biex jiġu studjati bir-reqqa.

**Min hi:**

Dun Anton Pace B.D., Kappillan
Dun Anton Caruana
Dun Ġużepp Mifsud
Is-Sur John Sapiano
Is-Sur Lino Bartolo

---

**Hajr specjali lis-Sur Emmanuel Grima u lil dawk id-dilettanti li qeghdin jarmaw it-toroq ghal-festa 1978.**

# Waterproof-it (Malta) Ltd.

Impermeable

Membrane

Specialists

CONSULT THE EXPERTS

5, Frederick Street,

Valletta

Tel. 625644 - 622878

# OPRI GODDA

**Ix-xoghol fil-Kursija:**

Wara li fis-sentejn li ghaddew ghamilna l-irham fil-Kappelluni tad-Duluri u tar-Ruzarju, din is-sena bdejna x-xoghol fuq il-Lunetti u l-irham tal-Kursija. Kien ta' sodisfazzjon kbir ghalina li, ftit jiem biss wara li habbarna dan ixxoghol, kellna diga' l-benefatturi lesti li jhallsu ghas-sitt lunetti. Ix-xoghol inbeda f'Awissu u kien jinkludi l-iskultura ta' sitt Lunetti, xoghol li sar mill-ahwa Agius tal-Qrendi, il-qtugh u l-lostru ta' l-irham li sar mid-ditta La Rosa tal-Marsa, t-Tqeghid li sar mid-ditta Debona & Farrugia tal-Marsa ukoll, ix-xoghol taz-zebgha li sar mill-habib taghna s-Sur Carmelo Sciberras, l-induratura li saret mid-Ditta Coleiro tal-Belt. Billi f'dan il-progett inkludejna wkoll taht l-orgni, irrangajna madwar in-nicca tad-Duluri u madwar il-Fonti tal-Mghamudija. Dan ix-xoghol kien jinkludi t-tqeghid ta' Arma tal-Parrocca bid-data A.D. 1867. Fuq disinn tas-Sur Guze Galea tar-Rabat Malta, saru zewg angli bis-simboli tal-Mghamudija, saru wkoll erba' lunetti tal-istucco, xoghol tas-Sur Antonio Cuschieri ta' tas-Sliema. Wara l-istatwa tal-Mghamudija ta' Kristu, saret raggiera tal-injam bis-simbolu tal-Ispirtu Santu, mahduma millahwa Agius mill-Imsida.

Dan ix-xoghol kien jitlob sagrificcju ikbar minhabba li l-Knisja riedet tibqa' tintuza bhas-soltu ghas-servizzi liturgici ta' kuljum. Jiddispjacina li, ghalkemm ghamilna hilitna biex inlestu s-sitt lunetti minn kollox, sakemm morna ghall-istampa, kien ghadna qeghdin nistennew xi rham li ghad jonqos ghalihom. Kulhadd jifhem li dwar din il-haga ma stajna naghmlu xejn ghaliex dan xoghol li jrid jigi minn barra minn Malta. Ma nistghux f'din l-okkazzjoni ma nirringrazzjawx pubblikament lill Benefatturi kollha, b'mod specjali lill Familja Bugeja, lis-Sur John Sciberras u wliedu, lis-Sinjura Emmanwela Zammit, lis-Sur Joseph Calleja, lill ahwa Agius, lis-Sinjorina Frangiska Agius, Frangiska Darmanin, Rita Cachia, u Mary Attard, lis-Sinjorina Guza Bajada, li hallsu ghall-ispejjes tal-Lunetti, lill Familja Gallo, li hallsu ghall-irham ta' madwar in-nicca tad-Duluri, lis-Sur Joe Sciberras, emigrant Misidjan fl-Awstralja, li hallas ghaz-zewg angli ta' fuq in-niccec, lis-Sur Robert Naudi li pinga l-armi kollha tal-Lunetti, lis-Sur Carmelo Sciberras li hadem ix-xoghol taz-zebgha, lis-Sur Toni Bonello li rrinova c-cappetti tal-Antiporta l-kbira. Dawn kollha hadmu bil-qalb u minghajr hlas.

**Restawr tal-Orgni:**

Matul din is-sena wkoll gie rikondizzjonat l-orgni. Dan ix-xoghol gie fdat f'idejn Mro. Dun Mikiel D'Amato taz-Zurrieq li wettaq b'sengha u precizzjoni kbira. L-Orgni originarjament inhadem mid-ditta Giovanni Felter, u gie mzanzan fil-Milied tas-sena 1899, madwar 78 sena ilu. Ix-xoghol ta' restawr inbeda fis-26 ta' Jannar 1978 u ha madwar erba' xhur. Nistghu nghidu li l-orgni gie zarmat bicca bicca. Il-Mijiet ta' paj-

SER TIZZEWWEG,
JEW GHANDEK XI OKKAZJONI?
*Mela asal wasla sal-*

# MERLIN
# Car Hire

MOUNTBATTEN STREET
BLATA 'L BAJDA

Fejn Joffrulek Servizzi mill-Ahjar

*Tel: 23131 - 625838*

# HOTEL DELPHINA

Dragonara Road, St. Julian's

Tel. 35621/2, 513356

Well Stocked Bar And Restaurant,

Open To Non-Residents

**Specialising In Italian Dishes**

pijiet gew irrangati u whud bimdula, u wara ntunati mill-gdid. Gew mibdula diversi molol, sar pannu gdid fit-tastieri u pedalliera, kif ukoll tabelli ghar-registri. Biex il-Misidjani kollha jkunu jistghu japprezzaw dan ix-xoghol, ahna stedinna lil Dun Mikiel D'Amato stess biex nhar is-Sibt 15 ta' Lulju fis-6.00 p.m. juri l-potenzjal ta' dan l-orgni waqt kuncert li ser jaghti. Il-Kummissjoni Amministrattiva hadet hsieb ukoll tirranga u tid-dekora mill-gdid il-gallarija kollha. Ix-xoghol sar fuq l-Parir tad-Ditta Coleiro tal-Belt u nhadem mis-Sur Carmelo Sciberras u xi membri tal-Kummissjoni Amministrattiva.

**Statwa ta' Santa Rita.**

Il-knisja taghna giet regalata bi Statwa ta' Santa Rita — xoghol ta' Spanja mis-Sur Agostino Mamo, u, wara l-Festa, ser issir nicca xierqa biex fiha din l-istatwa tibqa' ghall-qima ta' kulhadd matul is-sena kollha.

**Opri ohra:**

Zdiedu diversi opri ohra: erba' pjaneti gotici, wahda hadra rrakmata, ohra vjola, u tnejn bojod. L-ewwel tnejn flimkien ma kappa gotika bajda gew mghotija mill-emigranta Misidjana fl-Amerika s-sinjorina Joe Roebuck. Saru wkoll dalmatika u velu umeral parigg is-sett ta' pjaneti gotici li nuzaw fil-Festi principali. Sar sett ta' erba' triehi bil-gallun gotiku vjola ghall-artal maggur u l-kredenzini. Is-sinjorina Emmla. Zammit fl-okkazzjoni tat-tieg ta' binha rregalat lill-Knisja sett ta' 4 kandlieri tal-ionice ahdar, par vazuni parigg, u par ampuluzzi ndurati bid-deheb.

Benefattur hallas ghall-induratura tal-Ostensorju li jintuza fil-Festa is-Sur Emm. Debattista hallas ghall-induratura tal-lampier tal-artal tal Madonna tar-Ruzarju. Gew ukoll indurati erba' kandlieri ghall-artal ta Sant'Anna. Is-Sinjorina Squibbs offriet zewg kolonni tal-gebel skulturati li, wara li gew irrangati u ndurati, tpoggew hdejn l-artal maggur.

**Antiporti Godda:**

Qeghdin inzanznu wkoll zewg antiporti ghall-wara l-bibien tal-gemb. Dawn inhadmu mis-Sur Patrick Sciberras. Nittamaw li dawn, barra li joholqu ambjent iktar pulit f'dawn in-nahat tal-knisja, ikomplu jghinu biex tinzamm l-ordni waqt il-funzjonijiet fil-knisja.

**Koppla:**

Nahsbu li diga' rajtu d-disinn tax-xoghol li jrid isir fil-koppla. Diga' sar l-armar mehtieg biex ikunu jistghu jittiehdu l-qisien. Dan sar taht it-tmexxija ta' Salvu Xuereb mill-Mellieha, meghjun mis-Sur Emmanwel Grima, u s-Sur Charles Sghendo, flimkien ma xi membri tal-kummissjoni amministrattiva. (Ara pagna 17).

Benefattur offra sett ta' amplifier u loudspeakers ghall-Knisja tal-Kuncizzjoni.

# CAVE INN

BAR & RESTAURANT

247, St. Paul's Street, Valletta

**BEST FOR:**

TEA, COFFEE & GOOD FOOD

**VISIT:**

## CAVE INN BAR NOW

**VISIT ALSO:**

THE NEWLY OPENED

## FONTANA CAFE'

OUTSIDE CITY GATE.

# PROGRAMM

**Il-Hamis, 13 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lit-tqaddis tal-Festa.

9.00 p.m. Siegha Adorazzjoni organizzata mill-Azzjoni Kattolika biex jinkiseb gid spiritwali kbir mll-festa ta' din is-sena.

**Il-Gimgha, 14 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Hidma Socjali tal-Knisja.

6.00 p.m. Servizz Penitenzjali.

6.30 p.m. Quddiesa socjali li fiha tigi pprezentata somma ta' flus, migbura fil-Knisja, lit-tfal tal-Creche tal-Ursolini ta' l-Imsida fl-okkazzjoni tal-festa. Ikanta l-Kor tat-tfal ta' Angela House.

**Is-Sibt, 15 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Benefatturi Hajjin.

6.00 p.m. Kuncert fuq l-orgni minn Mro. Dun Mikiel D'Amato A.L.C.M., L.R.S.M.

6.25 p.m. Inawgurazzjoni u tberik tal-Opri Godda mzanzna din is-sena u wara, quddiesa socjali mill-Kappillan. Ikanta l-Kor "Cantate Domino" taz-Zurrieq.

**Il-Hadd, 16 ta' Lulju:**

JUM L-IMSIDA

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Ghaqdiet tal-Appostolat.

9.00 a.m. Quddiesa socjali bis-sehem shih tal-membri tal-Ghaq-


# Kennedy

7, MSIDA SEA FRONT - MSIDA
TEL. 36522

For all your requirements of:

*Stationery, Toys, Newspapers, Souvenirs, Greeting Cards, Paperbacks,*

Specialising also in:

*Weddings and Parties still and movie Photography.*

diet. Iqaddes il-W.R. Dun Gorg Deguara, Segretarju Djocesan ghall-Edukazzjoni Nisranija. Il-membri tal-Ghaqda Zghazagh Misidjani jdoqqu u jkantaw muzika folk.

6.00 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-Kappillan u l-Kleru tal-Parrocca, li fiha jsiru xi maghmudijiet. Ikanta l-Kor Parrokjali.

7.00 p.m. Hrug Solenni tal-Istatwa ta' S. Guzepp fuq iz-zuntier. Diskors u Prezentazzjoni ta' fjuri f'isem il-Misidjani.

7.15 p.m. Tombla b'risq il-festa fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

**It-Tnejn, 17 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Misidjani Mejtin.

6.30 p.m. Quddiesa solenni bil-muzika ghal ruh il-Misidjani Mejtin kollha. Iqaddes il-W.R. Kappillan.

**It-Tlieta, 18 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Vokazzjonijiet.

6.30 p.m. Quddiesa Koncelebrata li fiha ssir it-XIIII il-Vestizzjoni ta l-Abbatini li jaghmlu servizz liturgiku fil-Parrocca. Iqaddes il-W.R. Kappillan, flimkien ma Dun Alwig Deguara, Direttur Djocesan tal-Abbatini, u Dun Guzepp Mifsud, Direttur Parrokkjali. Ikanta l-kor tal-Abbatini tal-Parrocca tal-Kuncizzjoni tal-Hamrun immexxi minn Dun Vicenz Cachia.

**L-Erbgha, 19 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-haddiema u 'l min ihaddem.

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata bl-Omelija mill-W.R. Dun Guzepp Borg Attard, Arcipriet tal-Qala, Ghawdex. Kurunella, Innu, Antifona, Celebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

**Il-Hamis, 20 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-qdusija tal-Kleru u tar-Religjuzi fil-Parrocca.

6.30 p.m. Kollox bhal jum ta' qabel.

**Il-Gimgha, 21 ta' Lulju:**

INTENZJONI: Jum dedikat lill-morda fid-djar u fl-isptar.

6.30 p.m. Kollox bhal jum ta' qabel.
F'din il-funzjoni jiehdu sehem il-morda tal-Parrocca, organizzazzjoni tal-Azzjoni Kattolika flimkien mal-Kummissjoni Amministrattiva.

7.00 p.m. Marc Tradizjonali u brijuz mill-banda "Melita" tal-Imsida, li jibda' minn hdejn il-Knisja u jghaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. D'Andria, D'Argens, Kuncizzjoni, il-Wied u jispicca Pjazza Palma.
Mixghela Generali.

**Ma' tul il-Jiem ta' Thejjija, waqt il-hin tal-Quddies, ikun hemm il-Qrar ghal kulhadd.**

Is-Sibt, 22 ta' Lulju:

## LEJLIET IL-FESTA

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Familja.

7.45 a.m. Quddiesa Solenni mill-W.R. Kappillan, Te Deum u Antifona.

7.00 a.m. Ikun hawn Konfessuri Barranin ghall-qrar.

11.00 a.m. Zjara organizzata ghat-Turisti fil-Knisja Parrokkjali

5.00 p.m. Ikun hawn konfessuri barranin ghall-qrar.

6.00 p.m. Transulazzjoni Solenni mat-toroq ta' madwar il-Knisja.

6.30 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mis-Sacerdoti Misidjani li jahdmu barra l-Parrocca, li fiha jitkantaw is-Salmi tal-Ghasar flimkien mal-poplu. Imexxi l-Ill.mu u Rev.mu Mons. Dekan Gwann B. Gauci S.TH.D. J.C.L.

8.00 p.m. Marc mill-banda "Melita" tal-Imsida li jibda' minn hdejn l-Ghajn tal-Hasselin u jghaddi minn dawn it-toroq: Kuncizzjoni, S. Alwigi, hdejn l-iskola tal-Gvern, Sqaq D'argens, Sawmill, Mons. D'Andria, Ix-Xatt ta' Xbiex ghal fuq iz-zuntier fejn il-Banda tesegwixxi Programm Muzikali taht it-tmexxija tas-Surmast tagha, Carmelo G. Borg.

7.30 p.m. Marc mill-banda "12th May" ta' Haz-Zebbug li jibda minn quddiem il-Knisja u jghaddi minn dawn it-toroq: Parrocca, Knisja, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Principessa Margaret, Abbate Rigord, u jieqaf ix-Xatt ta' Xbiex kantuniera ma' triq


# VICNOL FASHION FABRICS

15, Mons. Falzon Street, - Msida

a varied selection of Summer material

including:

| | | |
|---|---|---|
| **Cottons,** | **Denims,** | **Criplene,** |
| **Crepe,** | **Gabardine,** | **Terrylene,** |
| **Toweling,** | **Damask Furnishing,** | **Creton.** |

# BAJADA

## WOODWORKS LIMITED

*Manufactures of all Kinds*

*of Woodwork*

**Tower Street - Msida**

**Tel. 514117 - 514118**

## BAJADA WOODWORKS

### OVERSEAS LIMITED

Joinery Works And Furniture

TOWER STREET, MSIDA - MALTA

*Tel. 514117 - 514118*

*Cables:* BAJAWOOD MALTA *Telex:* MW 374 MALTA

Mons. D'Andria.

9.00 p.m. Marc mill-istess banda li jghaddi minn dawn it-toroq: Qrajten (kantuniera ma Marina), Gwardamanga, is-Sorijiet Ursolini, Bordin u Bacir sal-kantuniera max-Xatt ta' l-Imsida.

10.30 p.m. Loghob tan-nar kbir fi Vjal S. Guzepp.

**Il-Hadd, 23 ta' Lulju:**

## JUM IL-FESTA

INTENZJONI: Jum dedikat lill-Misidjani kollha.

5.00 a.m. Quddiesa bid-Djaknu u Lettur.

6.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Guzepp Mifsud Bonnici B.A. Lic. D., Kappillan tal-Parrocca tal-Kuncizzjoni tal-Hamrun u President tal-Kullegg tal-Kappillani.

7.00 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina Generali mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Dekan Gwann B. Gauci S.TH.D. J.C.L.

8.00 a.m. Quddiesa folk ghaz-zghazagh mill-W.R. Patri Vicenz Portelli O.P., Kappillan ta' Fatima, Gwardamanga.

9.00 a.m. Quddiesa Solenni Pontifikali mill-E.T. Abbate Don Angelo Mifsud O.S.B. li jikkoncelebra mall-Kommunita' tieghu u mal-Kleru tal-Parrocca. Wara l-Vangelu jinseg il-Panigirku l-W.R. Dun Karm Attard B.A. Lic. D., Kappillan tal-Qrendi.

11.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Patri Amadeo M. Zammit O.C., Kappillan ta' Fleur-de-lys.

12.00 a.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Charles Abela, Kappillan ta' Wied il-Ghajn.

**Ghall Cine u Ritratti Kulur u Black & White**

**Ghall Tigijiet, Engagements, Mghamudijiet, Parties ecc. ecc.**

**Issibu Films, Cameras, Fla h Guns, Albums, ecc. ecc.**

**Zviluppar ta' Ritratti Kulur u Black & White**

GUIDO'S PHOTO SERVICE

17 MONS. FALZON STREET

(BY MSIDA CHURCH)

MSIDA

TELEPHONE 36321



# QUEEN ANNE FURNITURE

PROP. **Joe Mifsud & Tony Mizzi**

**99, Valley Road, MSIDA**

SETTIJIET TAS-SODDA, TAL-PRANZU,
SALOTTI, SIGGIJIET U KITCKEN
CUPBOARDS

6.00 p.m. Quddiesa Solenni Koncelebrata mill-W.R. Patri Leopoldu Tabone O.F.M. Cap., Kappillan ta' S. Gwann u Dekan tal-Ewwel Distrett.

7.00 p.m. Purcissjoni bl-istatwa artistika ta' S. Guzepp, immexxija mill-Ill.mu u Rev.mu. Mons. Dekan Gwann B. Gauci S.TH.D. J.C.L. Wara Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika.

6.30 p.m. Marc mill-banda "Our Lady of Consolation" tal-Gudja li jibda' minn quddiem il-Knisja tal-Kuncizzjoni ghal quddiem il-Knisja Parrokkjali. Wara l-istess banda takkumpanja l-purcissjoni.

8.30 p.m. Il-banda "S. Piju X" ta' Hal-Lija takkompanja l-Purcissjoni sa Vjal S. Guzepp, fejn twassal l-Istatwa b'dimostrazzjoni trijomfali sal-Knisja. Wara l-Barka, marc tal-eghluq mill-istess banda li jghaddi minn dawn it-toroq: ix-Xatt ta' Xbiex, Gwakkin Navarro, Knisja, Mons. D'Andria, Gdida, D'Argens, Kuncizzjoni, il-Wied, u jispicca quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Il-Kant fil-quddies tat-Tridu jsir mill-Kor Parrokkjali li, flimkien mal-muzika tat-Tridu u ta' Lejliet u Jum il-Festa, jkunu mmexxija mis-Surmast Carmelo C. Zammit.

## TAJJEB LI TKUN TAF:

Il-Misidjani kollha huma mhegga biex jersqu ghas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

Il-Misidjani huma mistiedna biex joffru bukkett fjuri ghal quddiem l-istatwa ta' S. Guzepp, b'mod specjali l-ghaqdiet u l-Kazini. Dan ghandhom jaghmluh lejliet il-festa fil-ghodu. Minn din is-sena, l-ebda bukkett u/jew xema kbira ma' ghandu jkollu fih jew imwahhal mieghu xi arma jew badge jew distintiv iehor jew zigarelli bl-isem ta' min joffrih. L-isem ta' min joffrih ghandu jinkiteb biss fuq il-biljett apposta li qed jigi maghmul ghal kulhadd xorta mill-Kummissjoni Amministrattiva, u li jista' jinkiseb minn qabel b'xejn mill-Knisja.

Biex ma ssirx hsara lill-istatwa, bhas-soltu, mhux ser jinxteghel xema zghir meta din tkun barra min-nicca. Ghalhekk, il-flus li jinghataw ghax-xema, jingabru flimkien u jinxteghel xema kbir. B'dan il-mod, min ikun ghamel weghdi ta' xema xorta wahda jissodisfa l-weghda tieghu u, fl-istess hin, inkunu qeghdin naghmlu hilitna biex inharsu l-istatwa minn kull hsara.

Naghmlu appell lil kulhadd biex ma jinxtehtux fjuri u kwantitajiet kbar ta' karti fuq l-istatwa li hija tant ghal qalb il-Misidjani kollha. Nistennew, ghalhekk, il-koperazzjoni ta' kulhadd biex ma ssirx hsara.

**Il-Kummissjoni Amministrattiva zzomm id-dritt li tbiddel minghajr avviz dak kollu li jkun jenhtieg fil-Programm.**

# Patrick's

WOODWORKS

49A, Bordin Street, Msida.

Tel: 606941

SHOWROOM

22, BORDIN STREET, MSIDA.



# IS-SUR VINCENT FRIGGIERI

JAWGURA LILL-MISIDJANI KOLLHA
FESTA MILL-ISBAH U JISTEDINKOM
IZURU L-HANUT GDID TIEGHU
GEWWA L-GZIRA

DOLCERIA. V. FRIGGIERI

103, Stuart Str., Gzira
(Hdejn l-Orpheum Theatre)

Fejn issibu kull xorta ta' Helu



# IL-MUZIKA SAGRA FIL-FESTA TA' S. GUZEPP, L-IMSIDA

Wara l-mewt ta' Mro. Guzeppi Camilleri li kien imexxi l-muzika waqt il-festi titolari ta' S. Guzepp, il-Kummissjoni Amministrattiva hasbet li kien wasal il-waqt li l-Parrocca taghna jkollha l-muzika mehtiega taghha.

Ghal dan il-ghan gie mqabbad Mro. Carmelo Zammit biex jikkomponi l-muzika gdida u originali ghal quddiesa bil-Latin u ohra bil-Malti, zewg innijiet bil-Malti, Antifona u s-Salmi tal-Ghasar.

Ta' min jghid hawnhekk li , ghalkemm dan il-kant sar kollu bil-Malti, Mro. Zammit gharaf johloq muzika mill-aqwa, specjalment fl-Antifona, fejn bdew jintuzaw strumenti differenti mis-soltu.

Waqt li nizzu hajr u nifirhu lill-Mro. Zammit tax-xoghol siewi li wettaq, nistiednu lill-Misidjani kollha, li ghadhom ma semghux dawn ix-xoghlijiet muzikali, biex fil-jiem tal-festa jattendu ghall-funzjonijiet liturgici u japprezzaw dan ix-xoghol tassew sabieh.


# San Gwakkin Press

## PRINTERS

1, ST. HELEN SQUARE BIRKIRKARA

TELEPHONE 40484

**Discounts Are Few But prices Are Good**
**AT**

**IT'S A REAL**

# Wonderland

*The shop near the church to*
*Find Wide Variety of Children's and Ladies Wear,*
*Stationery, Sweets and Toys to suit all types of pockets.*

## WONDERLAND

1, PARISH STREET, MSIDA

# E N K A

* CHAMOIS for CARS, WINDOWS.
* FLOOR CLOTHS
* SPONGE CLOTHS

**MESSRS. EMANUEL CASSAR**

'EMMGLAD' VALLEY ROAD, MSIDA

TEL. 491001

# IL-KOPPLA: PASS IEHOR IL'QUDDIEM



Qeghdin nersqu ftit ftit lejn it-twettiq ta' holma kbira: ix-xoghol fuq il-koppla. Issa li sar l-armar talinjam — bicca xoghol iebsa u perikoluza biex saqqafna l-fetha tonda ta' 34' dijametru — qed jigi mhejji armar iehor mehtieg biex ikun jista' jinhadem ix-xoghol ta' skultura, induratura, zebgha u, flahhar, il-pittura.

Tajjeb wiehed jghid li l-Koppla hija gholja madwar 50 filata, jigifieri 45 pied. It-tmien flieli taghha (fejn ghad trid issir il-pittura) huma gholjin 22 filata u 11 il-pied wiesgha isfel li jaghlqu ghal 4 piedi fuq. Dan jammonta ghal kobor enormi fejn irid isir ix-xoghol.

Ghalkemm jidher li x-xoghol huwa wieqaf, ghal kuntrarju bhal issa qed isir xoghol l-aktar mehtieg. Wara li ttiehdu l-qisien, il-Kummissjoni Amministrattiva qabdet lid-dekoratur Malti, is-sur Guze' Galea tar-Rabat biex jahdem id-disinji mehtiega — nahseb li dan id-disinn sa' issa rajtuh.

Qeghdin nahsbu bis-serjeta' wkoll dwar ix-xoghol tal-Pittura u nittamaw li, ghal Milied, forsi jkollna xi abbozzi. Wara l-festa nibdew ix-xoghol tal-iskultura tat-tanbur, l-aktar parti li trid xoghol f'dak li hu tqattih ta' gebel.

Kulhadd jifhem li, biex din l-opra titlesta, jinhtiegu hafna flus. Ahna, min-naha taghna, qatt ma qtajna qalbna ghaliex dejjem sibna qlub generuzi li jghinuna. Issa se nibdew kampanja biex inkomplu nzidu l-fondi mehtiega. Bi hsiebna naghmlu kuntatti wkoll ma' emigranti Misidjani fl-Awstralja u l-Kanada biex huma wkoll ikollhom sehem f'din l-Opra Grandjuza.

Niehdu pjacir ukoll li nsibu benefatturi lesti jhallsu ghall-iskultura ta' madwar xi tieqa, jew xi bicca mill-gwarnicun, jew inkella xi felli tal-Pittura. Malli jkollna lista tal-prezzijiet, ahna bi hsiebna nesebuhom, u ninsabu zguri li l-ghajnuna ta' hutna Misidjani tkun kbira bhas-soltu.

# THE FALCON FORGE

*Ghal kull xoghlijiet ta' ferrobattuto, twieqi tal-hadid iggalvanizzati, hadid ghat tarag, hadid biex iddawwar il-gonna, ejja ghandna u zgur li tohrog sodisfatt*

**Assortiment Kbir ta' Disinji U Qisjien, ipprovduti flimkien ma' Xoghol Tajjeb u malajr**

IRRIKORRU:

THE FALCON FORGE

prop. JOE LAUTIER

TOWER STREET - MSIDA

TEL. 42099

# Charlie Azzopardi

CONTRACTOR FOR DAMP PROOF COURSE LAYING AND SPECIALISTS IN WATER PROOFING OF ROOFS

Jaghti l-isbah xewqat lil Missidjani kollha ghal okkazzjoni tal-Festa ta' San Guzepp

**62, RUE D'ARGENS, MSIDA** **PHONE: 513893**



IL-Kummissjoni Amministrattiva Ghandha L-Pjacir
Tistiednek Ghall-

# KUNCERT FUQ L-ORGNI

Mis Surmast Rev. Dun Mikiel D'Amato. A.L.C.M. L.R.S.M.

Bis-Sehem tal-Kor "Cantate Domino" taz-Zurrieq

Nhar Is-Sibt 15 ta' Lulju 1978 Fis-6.00p.m.

Fil-Knisja Parrokkjali Taghna.

VISIT

# G.K. Mohnani

30 - 31, Republic Street,

Valletta

Tel. 24137

For the latest Wedding and High-Occassion materials and ready made Wedding Gowns.

Specialized also in quilted Bedspread, Ladies handmade Shawls - Malta Lace - Malta Souvenirs and E.P.N.S. Ware

---

## Ghall - Bejgh bi Prezzijiet Irhas

Bicciet ta' Art bil-Permess ghall-Bini, fil-limiti ta' HAL-LIJA, BIRKIRKARA, KAPPARA, BAHAR IC-CAGHAQ, MADLIENA, IL-MAGHTAB U L-IMSIDA, kif ukoll Djar saqaf u gebel, f'San Gwann, Flats u hwienet u artijiet ghal terraced houses jew farms.

Investu fluskom tajjeb

*Irrikorru ghand:*

# JOHN C. MICALLEF

163, MARINA WHARF, PIETA'.

CEMPLU: 21835 36620

u tohorgu sodisfatti zgur.



# Il-Banda Melita

## immexxija minn

## Mro. Carmelo G. Borg

Sett ta' Marci godda li ser jizzanznu mill-Banda Melita ta' l-Imsida fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Guzepp ta' din is-sena, waqt il-marc brijjuz il-Gimgha 21 ta' Lulju, 1978 fis-7.00 p.m.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marj-Eliz | — | Carm. G. Borg |
| 2. | 10th September | — | Ant. Attard |
| 3. | Ghajn tal-Hasselin | — | Nazz. Mifsud |
| 4. | Maria Rosa | — | Emm. Azzopardi |
| 5. | Sea Breeze | — | Carm G. Borg |
| 6. | Grimpy | — | Alph. M. Vella |
| 7. | Eddie | — | Spiro Zammit |
| 8. | Keith | — | Vinc. Ciappara |
| 9. | Romilda | — | Ed. Pace |
| 10. | Islington | — | Abel J. Mizzi |

Programm Muzikali li ser jindaqq mill-Banda Melita ta' l-Imsida lejliet il-Festa ta' San Guzepp nhar is-Sibt 22 ta' Lulju, 1978 fid-9.15 p.m,. fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali, taht it-tmexxija tas-surmast Carmelo G. Borg.

**Innu tal-Papa**
**Innu Popolari San Guzepp**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Marcia Sinfonica** | **—** | **Fior D'arancio** | **G. Orsomando** |
| **Fantasia** | **—** | **Madam Butterfly** | **G. Puccini** |
| **Intermezzo** | **—** | **Ecstasy** | **C. G. Borg** |
| **Overture** | **—** | **Light Cavallry** | **F. Von Suppe'** |

**Innu tal-Banda Melita**
**Innu Malti.**

# Alfred's Store

PROP. JOE - ALF. STIVALA

52, 53, 54, 55, 56 Market Stalls
Valletta.

Telephone: 20816

**The Store for First Class & Quality Goods**
**General Grocery Always in Stock**
**Ham, Bacon, Cheese & Stuffed Olives Etc.**

FREE DELIVERY TO ALL DESTINATION

---

Hu hsieb il-kura ta' idejk bil.....

# G L Y M I E L

**PROTECTIVE HAND CREAM BIS-SILICONE**

Tipprotegi l-gilda u thalli l-idejn rotob u lixxi

## GLYMIEL JELLY

ghall-idejn horox issahhah u trattab il-gilda.

IRRIKORRU:

JOSEPH CASSAR LTD.

54, BRITANNIA STREET, IL-BELT

Tel: 624510




Enquiries: Tel. 624109

Wasalt biex Tizzewweg?

Hsibt ghall-Karozza tat-Tieg ?

MELA MUR GHAND:

# JOHN'S GARAGE LTD.




25, TRIQ ID-DUKA TA' YORK
U 23, TRIQ, VILLAMROSA, **HAMRUN** Tel. 28745
605038

HAWN GHANDEK ISSIB ROLLS ROYCE, BENTLEY U NUMRU TA' MERCEDES MODERNI B'SERVIZZ "FIRST CLASS" GHAL KULL OKKAZJONI BI **PREZZIJIET L-AKTAR MODERATI**

Mahrug mill-Kummissjoni Amministrattiva, Parrocca San Guzepp - Msida.

Ritratt tal-Qoxra minn Joseph Troisi - Msida